## Faċli tiċċekkjaha

Huwa faċli tiċċekkja l-karti tal-flus tas-sensiela Europa bil-metodu "ĦOSS, ĦARES u MEJJEL", bħalma kien il-każ tal-ewwel sensiela.

### 1 ĦOSS

**Kif tinħass il-karta** – Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda.
**Stampar imqabbeż** – Ħoss il-linji qosra mqabbżin mat-truf tax-xellug u tal-lemin tal-karta tal-flus. Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u l-valur numeriku l-kbir jinħassu eħxen ukoll.

### 2 ĦARES

***Watermark* bil-wiċċ** – Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Jidhru xbieha ta' wiċċ Europa, il-valur u x-xbieha ewlenija.
**Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma** – Kontra d-dawl, it-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma ssir trasparenti u turi xbieha ta' wiċċ Europa miż-żewġ naħat tal-karta.

### 3 MEJJEL

**Numru aħdar żmerald** – Dan in-numru jleqq juri effett tad-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.
**Ologramma** – L-istrixxa lewn il-fidda turi l-valur, id-disinn ewlieni u s-simbolu tal-€.
**Tieqa bil-wiċċ fl-ologramma** – It-tieqa fin-naħa ta' fuq tal-ologramma turi xbieha ta' wiċċ Europa. Meta tmejjel il-karta tal-flus, fit-tieqa jidhru wkoll linji bl-ilwien tal-qawsalla madwar il-valur numeriku. Fuq wara, fit-tieqa jidhru l-valuri numeriċi bl-ilwien tal-qawsalla.

## L-€20 ĠDIDA






FLUSNA

# IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€20

www.karti-godda-tal-euro.eu | www.euro.ecb.europa.eu

## Mezz fdat ta' ħlas



Mario Draghi
President, Bank Ċentrali Ewropew

Minn meta daħlu fl-2002, il-karti tal-euro saru wieħed mill-mezzi ta' ħlas l-aktar fdati fid-dinja u huma simbolu b'saħħtu tal-integrazzjoni Ewropea. Illum l-euro hija l-munita ta' 19-il pajjiż u 338 miljun ċittadin Ewropew. Dmirna hu li nżommu din il-fiduċja billi ninkorporaw l-aħħar teknoloġija fil-karti tal-flus u hekk inkomplu nsaħħu s-sigurtà tagħhom.

## Dħul gradwali tas-sensiela l-ġdida

Il-karti tal-flus tas-sensiela Europa qegħdin jiġu introdotti f'dawn is-snin. Il-€5 ġdida ħarġet fl-2013 u l-€10 ġdida fl-2014, filwaqt li l-€20 ġdida se tibda tiċċirkola mill-25 ta' Novembru 2015. Il-karti tal-flus tal-ewwel sensiela se jiċċirkolaw flimkien mal-karti l-ġodda sakemm joħroġ avviż ieħor. Anki meta ma jibqgħux valuta legali, il-karti tal-ewwel sensiela se jibqgħu jissarrfu għal żmien indefinit fil-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema.

Aktar tagħrif jinsab hawn:
**www.karti-godda-tal-euro.eu**

L-EWWEL SENSIELA



IS-SENSIELA EUROPA



## Għaliex karti tal-flus ġodda?

Huwa importanti ferm li l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-flus jiġu aġġornati u jittejbu regolarment biex il-falsifikazzjoni ssir aktar diffiċli. Il-karta l-ġdida tal-€20 fiha "tieqa bil-wiċċ" innovattiva li tidher miż-żewġ naħat meta żżomm il-karta kontra d-dawl.

Il-wiċċ li jidher fis-sensiela l-ġdida huwa dak ta' Europa, il-figura tal-mitoloġija Griega li tat isimha lill-kontinent tagħna. Ix-xbieha użata fil-karti tal-flus tas-sensiela Europa ttieħdet minn vażun li għandu aktar minn 2,000 sena li nstab l-Italja u li llum qiegħed għall-wiri fil-Louvre, Pariġi.





**www.nbb.be**

**www.bundesbank.de**

**www.eestipank.ee**

**www.centralbank.ie**

**www.bankofgreece.gr**

**www.bde.es**

**www.banque-france.fr**

**www.bancaditalia.it**

**www.centralbank.gov.cy**

**www.bank.lv**

**www.lb.lt**

**www.bcl.lu**

**www.centralbankmalta.org**

**www.dnb.nl**

**www.oenb.at**

**www.bportugal.pt**

**www.nbs.sk**

**www.bsi.si**

**www.bof.fi**

Biex tkun taf aktar dwar il-karti u l-muniti tal-euro, ikkuntattja lill-bank ċentrali ta' pajjiżek jew:

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**
Sonnemannstrasse 20
60314 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

Tel: +49 69 1344 7455/Fax: +49 69 1344 7401
Email: info@ecb.europa.eu
www.karti-godda-tal-euro.eu
www.euro.ecb.europa.eu

BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA